MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 518/2014

**AB**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-ewsponenti zzewwget lill-intimat nhar l-ghoxrin (20) ta’ Gunju tas-sena 1993, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, Donna u Kurt illum huma maggorenni u R u M illi ghadhom minuri;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba adulterju flagranti kommess mill-intimat, u effettivament, il-partijiet ilhom isseparati de facto mis-27 ta' Novembru 2010, meta l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali sabiex mar ighix, f'qasir zmien, mal-mara illi kien ilu, ex admissis, jintrattjeni relazzjoni adultera maghha, ghal ghaxar snin shah qabel l-istess data. B'hekk huwa sodisfatt ir-rikwizit ta' l-Artikolu 66B (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-partijiet huma separati wkoll legalment, permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi, konkluz nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena 2012, skont ma jirrizulta mill-kopja hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok B;

Illi llum-il gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin u effettivment, in vista tar-relazzjoni tal-intimat ma terza persuna ohra, certament illi ma hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit ta' l-Artikolu 66B(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi skont il-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali taghhom (Dok B), l-intimat obbliga ruhu illi jhallas lill-esponenti is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar ghal kull wild minuri, liema manteniment ghadu qieghed jithallas fil-konfront tal-minuri Rebecca u Mariah. Bint il-partijiet Donna illum-il gurnata ghandha impjieg fiss, u ghalhekk ai termini tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali m'hemmx manteniment dovut fil-konfront taghha. L-iben Kurt ghalaq it-tmintax-il sena izda ghadu student fuq bazi full-time, u ghalhekk l-intimat, ai termini tal-kuntratt de quo qietghed ihallas favur il-Mara l-ammont ta' mija u tmenin (€180) fix-xahar sakemm dan

jaghlaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew jibda jahdem, skont liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel. Dan l-obbligu wkoll qieghed jigi rispettat mill-intimat;

Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat nhar l-20 ta' Gunju 1993, ai termini ta' l-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament, li in forza taghha eccepixxa :

Illi huwa ma jopponix ghat-talba li jigi mahlul iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti b'dan illi huwa jichad kategorikament dak lancjat kontra tieghu mir-rikorrenti fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur fejn allegat li l-esponent ikkommetta adulterju flagranti u kien ilu jintrattjeni relazzjoni adultera ghal ghaxar snin qabel ma sseparaw de facto;

Illi l-esponenti jirrileva li z-zwieg taghhom kien tkisser irrimedjabbilment qabel ma huma sseparaw de facto u huma sseparaw de facto minn xulxin f'Novembru 2010;

Illi l-esponenti jirrileva li l-partijiet illum huma separati legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti Nutar Dr Isabelle Gonzi datat 16 ta' Mejju 2012;

Illi l-esponenti jirrileva wkoll li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett l-esponenti qed ihallas regolarment il-manteniment dovut minnu ghat-tfal.  M'hemm ebda manteniment dovut lir-rikorrenti personalment stante li ai termini tal-artikolu 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett huma t-tnejn irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta' manteniment reciproku;

Ghandaqstant hemm qbil li l-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u hemm lok li jinhall iz-zwieg;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti bhala l-parti li intavolat il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta’ Mejju 2012, izda ilhom de facto separati minn xulxin mis-27 ta’ Novembru 2010;

Illi il-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------